SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 22/K5/06

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 12/10/'06** **211**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 12/10/'06** **264**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 12 t'Ottubru 2006.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Skużat: Il-Kunsillier Karl Gouder

1.05 Kien hemm preżenti wkoll is-Sur Albert Borg mill-M.P. & D.C.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fis-6 t'Ottubru 2006. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Proġett Ta' Ġiorni:- football pitch / playing field
4. Tenders:
   - knis u tindif tat-toroq
   - bulky refuse
   - lattrini pubbliċi
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li l-Minuti tal-laqgħa Rif. 21/K5/06 ser jitressqu għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

1.3.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**1.4** Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex tiġi diskussa item 3 qabel item 2.

**1.5** Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3. Proġett Ta' Ġiorni:- football pitch / playing field**

3.01 Is-Sur Albert Borg, rappreżentant ta' l-MP&DC, ġie mitlub jaġġorna lill-Kunsill fuq il-proġett tal-Kuridur Ekoloġiku Ta' Ġiorni – it-tieni fażi. Is-Sur Albert Borg nforma lill-Kunsill li x-xogħlijiet li għadhom pendenti huma tad-dawl, ilma, madum, tikħil u aperturi fiċ-changing rooms, fit-toilets u fil-kiosk. Kif ukoll xi arranġamenti fir-rampi skond l-ispeċifikazzjonijiet għall-persuni b'diżabilita', electrical fittings tal-playing field u tad-dawra tal-ground. Is-Sur Borg żied jinforma lill-Kunsill li huwa maħsub li sa l-aħħar tas-sena x-xogħol ikun lest.

3.02 Iċ-Chairman Peter Bonello informa lill-Kunsill li ser jiltaqa' mal-Perit David Vassallo fi ħdan in-Network Infrastructure Directorate sabiex jara jekk huwiex possibbli li jingħata t-tarmak u jsiru l-bankini fit-toroq ta' mad-dawra tal-Proġett f'Ta' Ġiorni min-naħa tad-direttorat.

3.03 Il-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-laqgħa li għaliha jkun hemm preżenti s-Sur Albert Borg, ir-rappreżentant ta' l-MP&DC u jkunu nformati l-Kunsilliera biex jattendu.

3.04 Dwar il-bandla għall-persuni b'disabilita' u l-lasti tal-ground is-Sur Albert Borg għandu jibgħat il-kwotazzjoni ta' Schranz Ltd.

3.05 Fuq suġġeriment tas-Sur Borg dwar jekk għandux jingħalaq il-ġnien u il-playing field il-Kunsill ma kkummentax.

3.06 Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Albert Borg.

3.07 Is-Sur Albert Borg ġie skużat fis-2.25 p.m.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

**Rif. Nru. Korrispondenza**

4134, K997 & 4462 Ittri mingħand Forum Malta fl-Ewropa rigward parteċipazzjoni, f'inizjattivi u l-attivitajiet ta' nformazzjoni u konsultazzjoni.

4158 Kwotazzjoni mingħand il-Cleansing Services Department sabiex jiġu mnaddfa Triq Andre' Maurois, Triq William H. Prescott, fil-kantuniera ta' Triq Patrick Brydone, fil-kantuniera ta' Triq Claire E Engle u d-dawra tal-ground f'Ta' Ġiorni.

4161 & K987 E-mail mingħand l-Enivornmental Landscapes Consortium Ltd rigward tħawwil ta'siġar taż-żebbuġ / Tamerix Trees.

4294 E-mail mingħand Olivier Lautier rigward 22 siġra taż-żebbuġ nieqsa minn mal-Promenade.

4348 Ittra mingħand Fondazzjoni Arka rigward proġett li l-Fondazzjoni Arka qed tagħmel.

4365 Ittra mingħand is-Sur Jesmond Attard rigward problemi li qed isibu s-sajjieda sabiex jipparkjaw fix-Xatt tas-Sajjieda.

4403 E-mail mingħand is-Sur Nicholas Coppini rigward talba għall-parkeġġ riservat f'Xatt is-Sajjieda, għas-sajjieda full-time.

4436 Memo 27/2006 rigward Permessi minn Kunsilli Lokali maħruġ b'mod abbużiv.

4469 Ittra mingħand Perla Hotels Ltd. rigward talba sabiex isiru bollards quddiem Gorgianis Hotel.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Il-Kunsillier David Borg wasal fis-2.30 p.m.

2.03 Rif. Nri. 4134, K997 u 4462

Saret riferenza għall-ittri mingħand Forum Malta fl-Ewropa rigward parteċipazzjoni, f'inizjattivi u l-attivtajiet ta' nformazzjoni u konsultazzjoni. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsilliera Karl Gouder u David Borg ikunu responsabbli għal dan is-suġġett u jinformaw lill-Kunsill liema 'sub-committee' għandu jintgħażel mill-Kunsill qabel tittieħed xi deċiżjoni.

2.04 Rif. Nru. 4158

B'riferenza għall-kwotazzjoni mingħand il-Cleansing Services Department sabiex jiġu mnaddfa Triq Andre' Maurois, Triq William H. Prescott, fil-kantuniera ta' Triq Patrick Brydone, fil-kantuniera ta' Triq Claire E. Engle u d-dawra tal-ground f'Ta' Ġiorni ġie deċiż unanimament li l-Cleansing Services Department jiġi mistoqsi jekk jaċċettawx li jirrevedu l-prezz jekk il-Kunsill jibgħat iż-żewġ ħaddiema

assenjati mal-Kunsill biex jgħinuhom. Jekk din it-talba ma tiġix aċċettata l-Kunsill jaċċetta l-kwotazzjoni kif inhi.

2.05 Rif. Nri. 4161, K987 u 4294

Saret riferenza għall-e-mails mingħand l-Enivornmental Landscapes Consortium Ltd, l-ittra li bagħat il-Kunsill lill- Enivornmental Landscapes Consortium Ltd u l-e-mail mingħand is-Sur Olivier Lautier rigward tħawwil ta' siġar mal-Promenade. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku Peter Bonello jkellem lis-sidien ta' Pender Place sabiex is-siġar li hemm neqsin minn mad-dawra tal-baħar, isiru minnhom kif diġa' diskuss u miftiehem.

2.06 Rif. Nru. 4348

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Fondazzjoni Arka rigward il-proġett ta' ġnien u playing field, ġie deċiż unanimament li tingħata donazzjoni ta' Lm95.

2.07 Rif. Nri. 4365 u 4403

Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Jesmond Attard u għall-ittra mingħand is-Sur Nicholas Coppini rigward il-problema ta' parkeġġ fix-Xatt tas-Sajjieda. Ġie deċiż unanimament li:-

- jsiru żewġ parkeġġi riservati għas-sajjieda full-time biss fil-parkeġġ tat-Tigulio.
- Il-permess għal dan il-parkeġġ jingħata lis-sajjieda full-time biss meta dawn jippreżentaw d-dokument mill-Awtorita' Maritima li huma sajjieda full-time, il-log book tal-vettura u l-Karta ta' l-Identita'.

2.08 Rif. Nri. 4469

B'riferenza għall-ittra mingħand Perla Hotels Ltd. rigward talba sabiex jsiru 4 bollards quddiem Gorgianis Hotel ġie deċiż unanimament li l-Kunsillier Richard Scicluna jivverifika u jinforma lill-Kunsill jekk il-bankina hiex wiesa' biżżejjed u jekk għandhiex issir rakkomandazzjoni lill-Awtorita' dwar it-Trasport. F'każ li r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tiġi approvata mill-ADT il-bollards isiru għall-ispejjeż tal-klijent.

## 4. Tenders - Knis u Tindif tat-Toroq, Bulky Refuse u Latrini Pubbliċi

4.01 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li f'Settembru għalqu l-kuntratti tal-Knis u Tindif tat-Toroq, tal-Bulky Refuse u tal-Latrini Pubbliċi u għamel referenza għall-memo 13/2002.

4.02 Wara diskussjoni qasira ċ-Chairman ippropona li dawn il-kuntratti jiġġeddu b'sena oħra bl-istess rati u kundizzjonijiet.

4.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

5.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets min-numru 2145 sa l-2156 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn-2145 sa l-2157.

6.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ġie skużat fit-3.25 p.m.

## 7. Materji Oħra

7.01 Ġie deċiż unanimament li:

- s-Sindku Peter Bonello jkellem lis-Supretendent Bartholomew Mula dwar is-sitwazzjoni li qiegħed jkun hemm f'Wesgħet Ġużi Tanti, bit-trakkijiet li jħottu x-xogħol lill-Park Towers, u dwar il-konġestjoni tat-traffiku li qiegħed jkun hemm fi Triq il-Kbira, fuq wara tal-Park Towers Supermarket.
- Jiġi rranġat ir-railings li hemm wara l-bus shelter fil-Pjazza ta' Spinola faċċata ta' l-Għassa tal-Pulizija.
- Jsir patching fil-Pjazza ta' Spinola quddiem il-monument tal-Qalb ta' Ġesu'.
- Jsir 'road hump' fi Triq Alfred Gauci.
- Tintbagħat ittra lill-Awtorita' dwar it-Trasport sabiex il-Kunsill jiġi nfurmat jekk il-'parker' li qiegħed jkun hemm fil-parkeġġ tat-Tigulio, hux mqabbad mill-istess Awtorita'. F'każ affermattiv l-Awtorita' tiġi nfurmata li l-Kunsill jippretendi li f'każijiet bħal dawn il-Kunsill jiġi nfurmat minn qabel.

- Tintalab informazzjoni mill-Awtorita' dwar it-Trasport dwar il-permessi tal-'parkers'. Jekk dawn humiex validi għall kullimkien jew għall-postijiet indikati minnhom

- Issir tabella ħdejn il-'Bring in-Sites' li hemm fi Pjazza Spinola li ħadd ma jista jipparkja quddiem l-iskips ħlief biex jagħmel użu minnhom.

- nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru ssir l-ħarġa għall-anzjani fir-Razzett tal-Ħbiberija.

- Fuq il-bord ta' l-interviews ser ikun hemm is-Sindku, l-Viċi Sindku u is-Segretarju Eżekuttiv. Fost il-kwalifiki rekwiżiti l-applikant għandu jkollu l-ECDL.

7.02 Il-Kunsill ġie ppreżentat bill-fatturi u summarju dwar l-attivita' tal-folklor li saret fuq Xatt is-Sajjieda nhar is-Sibt 7 t'Ottubru 2006 (Ara appendiċi 'Ċ'). Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-ammont ta' Lm71.00 jitħallsu mill-Kunsill. Dan l-ammont joħroġ mid-differenza bejn il-flus li l-Kunsill għad irid jirċievi mingħand Pender Place, l-MTA, u l-ammont li l-Kunsill irċieva mingħand l-isponsors kontra t-total ta' l-ispejjeż tal-fatturi.

7.03 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lir-ristoranti għall-isponsor / donazzjoni li taw fl-attivita' li ttelgħet fuq Xatt is-Sajjieda.

7.04 Il-Kunsillier David Borg ġie skużat fit-3.30 pm.

7.05 Il-Kunsilliera Irene Borg nformat lill-Kunsill li fid-19 ta' Diċembru ser tkun imsiefra.

7.06 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li bejn it-Tnejn 16 u l-Ħamis 19 t'Ottubru ser ikun imsiefer.

7.07 Il-Kunsill ġie nformat li l-BOV ħa żball u minflok trasferew il-Lm5,000 u Lm10,000, trasferew Lm20,000.

7.08 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

7.09 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fl-3.45 p.m.

Peter Bonello
Sindku

Helen Walker
Segretarju Eżekuttiv